**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta 8 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 309/2024 JPG**

**Kawza nru.: 13**

**JM**

**Vs**

**SM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JM datat 20 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewwgu fit-tlieta u ghoxrin t'Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (23/10/2010), liema zwieg jinsab debitament registrat mar-Registru Pubbliku (Dok A);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla, A, li twieldet f' X;*

3. *Illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono fis-sebgha u ghoxrin ta' Frar, tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (27/02/2023) Dok B;*

4. *Illi bejn il-kontendenti ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni. Inoltre bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti*

*dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tieghu ezebit bhala Dok C;*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (23/10/2010);*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma ntavolat ebda risposta, ghalhekk hija kontumaci;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' Novembru 2024 li permezz tieghu l-Qorti akkordat lill-intimata il-fakolta li tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 21)

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-attur (Vide Fol 20) fejn l-attur ddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur (vide affidavit fol 12)** iddikjara illi il-partijiet izzewgu nhar it-23 t'Ottubru 2010 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li ghadha minorenni. Iddikjara illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 27 ta' Frar 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Il-Qorti rat** illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma ntavolat ebda risposta u ghalhekk hija kontumaci;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 t'Ottubru 2010 liema zwieg jgib certifikat numru 2095/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3 ). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar is-27 ta' Frar 2023 (Vide fol 4 et seqq.) Jinsab stabbilit ukoll illi l-attur intavola dan ir-rikors fl-20 ta' Gunju 2024 u cioe insegwitu tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Mill-atti ma jidhirx li hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2095/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**